DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/153

tat-3 ta' Frar 2020

li tipprojbixxi lil-Litwanja milli terġa' tagħti awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva thiamethoxam għall-użu fuq il-lift tar-rebbiegħa kontra l-*Phyllotreta* spp. u/jew il-*Psylloides* spp.

(notifikata bid-dokument C(2020) 464)

(It-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(3)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 485/2013 ([2]) emenda l-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi thiamethoxam, clothianidin u imidacloprid, li jappartjenu għall-klassi tan-neonikotinojdi. L-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament ipprojbixxa l-bejgħ u l-użu taż-żrieragħ ta' ċerti għelejjel ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi, bl-eċċezzjoni taż-żrieragħ użati fis-serer. L-Istati Membri kellhom b'hekk jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi attivi.

(2) Mis-26 ta' Frar 2016, il-Litwanja ripetutament tat awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza li jkopru t-trattament taż-żrieragħ, il-bejgħ u ż-żrigħ ta' żrieragħ trattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi attivi, abbażi tad-deroga prevista fl-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra ġew debitament innotifikati b'dawn l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza.

(3) Fit-3 ta' Marzu 2017, il-Litwanja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar żewġ awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2017 sat-28 ta' Ġunju 2017 għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih it-thiamethoxam (CRUISER OSR) għall-użu fil-lift tar-rebbiegħa kontra l-*Phyllotreta nemorum* u l-*Psylliodes chrysocephala* u għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-clothianidin (MODESTO) għall-użu fil-lift tar-rebbiegħa kontra l-*Athalia rosae*, id-*Delia radicum*, il-*Phyllotreta* spp. u l-*Psylliodes* spp.

(4) Fil-15 ta' Settembru 2017, f'konformità mal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex tivvaluta l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza ta' diversi Stati Membri, inklużi dawk tal-Litwanja, għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi clothianidin, imidacloprid u thiametoxam għall-użi li ma għadhomx approvati permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 485/2013, fid-dawl tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza stabbiliti fl-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(5) Fl-1 ta' Marzu 2018, il-Litwanja nnotifikat mill-ġdid awtorizzazzjoni ta' emerġenza għall-prodott CRUISER OSR li fih is-sustanza attiva thiamethoxam għat-trattament taż-żerriegħa u ż-żrigħ ta' żrieragħ trattati, għall-użu fil-lift tar-rebbiegħa kontra l-*Phyllotreta nemorum* u l-*Psylliodes chrysocephala*.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 485/2013 tal-24 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi klotijanidin, tijametossam u imidakloprid, u li jipprojbixxi l-użu u l-bejgħ taż-żerriegħa trattata bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi attivi (ĠU L 139, 25.5.2013, p. 12).

(6) Fir-rigward tat-tliet sustanzi attivi kkonċernati, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/783 ([3]), (UE) 2018/784 ([4]) u (UE) 2018/785 ([5]) ikkonfermaw ir-restrizzjonijiet imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 485/2013. Dawn ir-restrizzjonijiet komplew jillimitaw l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi imidacloprid, clothianidin u thiamethoxam, u jippermettu biss l-awtorizzazzjoni li jintużaw bħala insettiċidi f'serer permanenti jew għat-trattament ta' żrieragħ maħsuba biex jintużaw biss f'serer permanenti. Barra minn hekk, l-għelejjel li jirriżultaw iridu jibqgħu fis-serer permanenti matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.

(7) Fir-rapport tekniku imħejji fuq talba tal-Kummissjoni, imsemmi fil-premessa 4 u li ġie ppubblikat fil-21 ta' Ġunju 2018 ([6]), dwar l-erba' kombinazzjonijiet ta' għelejjel/pesti, li għalihom ingħatat l-awtorizzazzjoni ta' emerġenza mil-Litwanja, l-Awtorità kkonkludiet li għal żewġ kombinazzjonijiet ta' għelejjel/pesti kien hemm prodott li fih sustanza attiva alternattiva awtorizzata bl-istess mod ta' azzjoni, jiġifieri, il-lift tar-rebbiegħa/*Phyllototreta* sp. u l-lift tar-rebbiegħa/*Psylloides* spp. Barra minn hekk, prodott minnhom mhux biss kien ikopri l-lift tar-rebbiegħa/*Phyllotreta* spp. u l-lift tar-rebbiegħa/*Psylliodes* spp., li għalihom kienet teżisti alternattiva, iżda ntuża fl-istess ħin biex ikopri kombinazzjonijiet oħra ta' għelejjel/pesti, jiġifieri l-lift tar-rebbiegħa/*Athalia rosae* u l-lift tar-rebbiegħa/*Delia radicum*, li għalihom ma kien hemm l-ebda prodott disponibbli li fih sustanza alternattiva.

(8) Għalhekk, abbażi tal-valutazzjoni mill-Awtorità, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ma kinux issodisfati fil-Litwanja fir-rigward ta' CRUISER OSR, li fih is-sustanza attiva thiamethoxam għall-użu għall-kombinazzjonijiet ta' għelejjel/pesti lift tar-rebbiegħa/*Phyllotreta* spp. u lift tar-rebbiegħa/*Psylliodes* spp. billi dawn l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza fihom kombinazzjoni ta' għelejjel/pesti li għalihom ġie awtorizzat prodott ieħor, li fih sustanza attiva alternattiva bl-istess mod ta' azzjoni. Il-prodott li jkopri l-lift tar-rebbiegħa/*Athalia rosae* u l-lift tar-rebbiegħa/*Delia radicum*, li għalihom kien ġie awtorizzat prodott ieħor li fih sustanza attiva alternattiva bl-istess mod ta' azzjoni, ikopri wkoll pest ieħor għall-istess għalla li għaliha ma kien hemm l-ebda alternattiva disponibbli, u konsegwentament, il-Kummissjoni tqis li l-użu ta' dan il-prodott huwa aċċettabbli fuq il-lift tar-rebbiegħa, billi ma għandux jiġi mħeġġeġ, sa fejn huwa possibbli, l-użu ta' prodott multipli għall-protezzjoni tal-pjanti fuq l-istess għalla biex jiġu indirizzati pesti differenti.

(9) Il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tas-16 ta' Lulju 2018, talbet lil-Litwanja biex tikkonferma li mhix se terġa' tagħti awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti CRUISER OSR li fih is-sustanza attiva thiamethoxam għall-użu fuq il-kombinazzjonijiet tal-għelejjel/pesti il-lift tar-rebbiegħa/*Phyllotreta* spp. u l-lift tar-rebbiegħa/*Psylliodes* spp. Fir-risposta tagħha tas-17 ta' Settembru 2018, il-Litwanja infurmat li l-awtorizzazzjoni ta' emerġenza kienet iġġustifikata.

(10) Il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq li jiġi deċiż li l-Litwanja ma tistax terġa' tagħti awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li fihom is-sustanza attiva clothianidin jew thiamethoxam, għall-użu fuq il-kombinazzjonijiet tal-għelejjel/pesti lift tar-rebbiegħa/*Phyllotreta* spp. u lift tar-rebbiegħa/*Psylliodes* spp.

(11) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stipulat mill-President tiegħu. Att ta' implimentazzjoni tqies bħala neċessarju u l-president issottometta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni lill-kumitat tal-appell għal aktar deliberazzjoni. Il-kumitat tal-appell ma tax opinjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Litwanja ma tistax terġa' tagħti awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva thiamethoxam għall-użu fuq il-lift tar-rebbiegħa kontra l-pesti *Phyllotreta* spp. jew *Psylliodes* spp.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/783 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva imidakloprid (ĠU L 132, 30.5.2018, p. 31).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/784 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva klotijanidin (ĠU L 132, 30.5.2018, p. 35).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/785 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet gall-approvazzjoni tas-sustanza attiva tijametossam (ĠU L 132, 30.5.2018, p. 40).

([6]) EFSA supporting publication 2018:EN-1421.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni